Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 410 / 2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Pier Guido Saliba**

**vs**

**Shaun Debono**

Illum 18 ta' Gunju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Shaun Debono detenur tal-karta tal-identita Maltija nru 0500389 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Frar, 2018 ghall-habta ta' 8.10hrs fi Triq San Anard, Tarxien, saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni Mar 633;

1. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna offizi gravi fuq il-persuna ta' Pierre Darmanin li gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artiklu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. B' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habit ma vettura VRM 300 u involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Pierre Darmanin;

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b' manjiera traskurata;
4. U aktar talli naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali.

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li Shaun Debono jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-22 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti li rat l-Artikoli 226 (b), 328 (d) tal-Kap 9, Artikolu 15 (1) (a) (2) tal-Kap 65 u MVR 76 ta' L.S 65. 11;

Il-Qorti qieset li dan kien kaz ta' traskuragni da parti tal-imputat meta hareg minn fuq stop sign minghajr ma ha id-dovuti prekawzjonijiet. It-toroq taghna llum uzati minn hafna muturi / bicycles u per necessita' l-karozzi jridu jadottaw is-sewqan taghhom ghal da nil-fattur u fenomenu gdid. Proper look out tfisser proper look out ghal karozzi, muturi, bicycles, pedestrians u affarijiet ohra.

Jirrizulta car li ma kienx hemm element ta' spedd da parti ta' l-mutur. Jirrizulta car ukoll li kif diga qalet il-Qorti is-sewqan, ta' l-imputat kien traskurat u sfoprtunatament frott tat-toroq mimlijin karozzi u vetturi ohrajn li kull sewwieq jiffaccja ruhu maghhom kuljum.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti timmulta lil imputat tlett mitt ewro u sebghat ijiem sospenzjoni tal-licenzji kollha tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Shaun Debono, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet u d-data premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena, u in subsidium fl-eventwalita' li din il-Qorti ma taqbilx mal-esponenti u thoss li l-imsemmija sentenza m' ghandhiex tkun revokata, allura tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn sabet

il-htija u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza koncernanti l-piena erogata fil-konfront tal-appellant Shaun Debono, u minflok tghaddi sabiex tinfliggi piena li hija tax-xorta u kwantita' li trid il-ligi u piena li hi aktar ekwa considerando c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

<u>L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi</u>

1. Illi l-appellant umilment jishaq li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta, a bazi tal-provi prodotti, sabitu hati ta' traskuragni u li baqa' hiereg minn fuq *stop sign* minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijiet;

2. Illi huwa car f' mohh l-appellant illi l-incident in kwistjoni ma jistax jigi attribwit lilu u ghalhekk m' ghandux jirrizulta f' htija u sentenza kontrih, meta fil-verita, it-tort tal-incident awtomobilistiku, huwa unikament b' rizultat tal-mod hazin u traskurat li biha kien qieghed jinstaq il-mutur.

3. Illi irrid jinghad li waqt ix-xhieda tieghu, Pierre Daramnin jghid li "*It-traffik kien mexxej*" minkejja li ftit wara jammetti li "*Kien hemm karozzi qed jistennew*". Illi anke kieku dan kien il-kaz, (l-appellanti insista bil-qawwa wkoll li t-traffiku kien wieqaf fil-hin tal-incident), is-Sur Darmanin messu kien jaf li jekk kien hemm il-karozzi weqfin quddiemu, kien jinkombi fuqu li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji biex jara li jnaqqas il-velocitá u jassigura li ma jkunux hergin karozzi minn toroq sekondarji, specjalment meta wiehed

jikkunsidra l-fatt li fix-xhieda tieghu, is-Sur Darmanin jghid li *"Kien jaf bis-side street minn fejn hareg l-imputat"*.

4. Illi l-appellant jsostni li t-traffiku kien kompletament wieqaf fil-hin meta gara l-incident. Illi minghajr ebda dubju, din m' hijiex xi haga difficli biex temmen meta wiehed jikkunsidra l-ammont ta' karozzi sejrin lejn it-triq principali f' tal-Barrani dak il-hin ta' filghodu. Wara li cedielu xufier ta' vettura ohra mwahla fit-traffiku, l-appellant saq bilmod il-barra sabiex jaqsam lejn it-triq ta' faccata, u hekk kif saq ftit metri, sab ma wiccu l-mutur, li ghalih kien tard wisq biex jieqaf u konsegwentemnt sehhet il-kollizjoni in kwistjoni.

5. Illi fis-sentenza li nghatat fil-kawza fl-ismijiet ' ***Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar'*** u li giet ikkonfermata mil-Qorti tal-Appell fis-sittax (16) ta' Dicembru tal-elfejn u erba' (2004), l-Ewwel Qorti, f' cirkostanzi simili qalet "*Inoltre l-attur (Is-sewwieq tal-mutur) messu kien aktar prudenti meta kien qed jaghmel il-manuvra tas-sorpass aktar u aktar meta huwa stess jghid li kien jaf bit-triq laterali minn fejn harget il-konvenuta*". [Kliem fil-parentesi mizjud]

6. Dan emfasizat fuqu wkoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali, meta fis-sentenza moghtija fit-tletin (30) ta' Gunju tal-elfejn u sbatax (2017) fl-ismijiet "*Il-Pulizija vs Mario Abela*", il-Qorti qalghet hekk fuq minn ikun ser jissorpassa l-karozza ta' quddiemu: "*B' mod partikolari, ghandu l-obbligu li ma jaghmilx manuvra ta' surpass fejn triq laterali. Il-Kodici ghat-traffiku fit-Triq jirrakomanda, bhala mgieba prudenzjali, biex ma ' Taqlax vettura ohra meta tkun qed tavvicina… triq li taghqad m' ohra' "* u tkompli tghid "*Hekk ukoll il-Highway Code Ingliza jirrakkomanda "Do not overtake where you might come into conflict with other road users. For example, approaching a road junction on either side of the road" (Paragraph 143)"*

7. Illi dak li kien qieghed jaghmel is-Sur Darmanin ma kienitx sempliciment manuvra sabiex jissorpassa l-vettura ta' quddiemu, imma effetivament holoq '

flow' ta' traffiku parrallel ma dik li kienet sejra lejn tal-Barrani, proprju f' karregjata li suppost tiehu linja tat-traffiku wahda. Illi fuq dawn it-tip ta' manuvri, ddikjarat lilha nnifisha b' mod car, l-Onorabbli Qorti tal-Appell meta kkunsidrat il-kaz hawn fuq imesmmi ta' ' ***Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar'*** fejn qalghet:

> *"L-attur jippretendi li huwa kien qed jissorpassa b' mod regolari. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Meta si tratta ta' karregjata wahda fl-istess direzzjoni, bhalma kien il-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix motorcycle u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex <u>tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet.</u> F' dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f' dan is-sens, izda kien hemm sempliciment manuvra min-naha ta' l-attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) <u>"to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela tax-Xemxija</u> billi joholqu "flow" ta' traffiku <u>parallel ghal dak li kien tiela</u> f' karregjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn."* [Emfazi tal-Qorti]

8. Fl-istess sentenza hawn fuq msemmijja, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell kompliet tghid:

> *"Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' motorcycles, sfortunatament prevalenti hafna izda li pero hija wkoll perikoluza hafna. Sewwieqa ta' motorcycles ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma anqas vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li jkun ghaddej minn karregjata singola **ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik il-karregjata**"*

Fil-fatt l-emfazi mizjud mil-appellant fuq l-ahhar bicca ta' dan l-estratt minn sentenza tal-Qorti tal-Appell, huwa ezattament ic-cirkostanza li sab ruhu fiha l-appellant.

9. Illi oltre' minn hekk, jirrizulta illi l-mutur fil-kawza odjerna kien qieghed jaqla lil karozza li cediet lil appellanti sabiex jaqsam ghat-triq ta' faccata, minn naha ta' gewwa, u cioè, minn naha tax-xellug ta' fejn il-karozzi kienu weqfin fit-traffiku. Minghajr pregudizju ghas-suespost, ma hemm l-ebda dubju illi kwalunkwe manuvra permessibli sabiex tissorpassa vettura quddiemek, ghandha ssir minn naha tal-lemin. Dan il-fatt ghamlitha kwazi impossibli ghall-appellant li jinduna li kien gej il-mutur lejh. Fil-fatt fl-istess kunsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija tal-Qorti tal-Appell, hija kompliet qalet li "*Il-konvenuta ma ratx il-motorcycle tal-attur mhux ghax naqset milli tara dak li kien "in plain view", izda proprju ghax il-motorcycle tal-attur ma kienx jidher sew <u>bil-mod kif kien qed jinstaq</u> flimkien mal-karozzi li kien hemm prezenti.*"

10. Illi fid-decizjoni taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti attribwiet element ta' traskuragni fuq l-appellant u kkonkludiet billi qalghet li l-incident huwa "*Sfortunatament frott ukoll tat-toroq mimlijin karozzi u vetturi ohrajn li kull sewwieq jiffacja ruhu maghhom kuljum*". Din id-dikjarazzjoni stess titfa dubju serju fuq kemm l-istess Qorti verament emmnet li kien hemm traskuragni min-naha tal-appellant. Huwa minnhu li l-appellanti kien hiereg minn triq sekondarja u allura kellu grad ta' responsabilitá ghola minn tal-*main road user*, pero nonostante dan il-fatt, il-Qrati taghna kienu cari u inekwivoki fuq il-fatt li l-main road user ukoll ghandu grad ta' responsabilitá. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-hamsa (5) t' April tal-elfejn u sitta (2006), fis-sentenza li nghatat ghal kawza fl-ismijiet ' <u>*Gasan Mamo Insurance Agency Limited noe vs Anthony Zammit'*</u> fejn tghid li "

*"Ciononostante, kif drabi ohra ritenut, hu wkoll principju li "il-main road user m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita' minn*

*kwalunkwe responsabilitá f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user" ("**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**" Appell Civili, 19* ta' *Awissu 1966). Hekk gie stabbilit ukoll illi "min ikun sejjer jaghmel sorpass ghandu l-obbligu li ma jesegwix dik il-manuvra hlief wara li jkun accerta ruhu li l-vizwali tippermettilu u li jista' jaghmilha minghajr perikolu ghalih u ghal road users ohra" ("**Paolo Gauci -vs- Francis Frendo et**", Appell Civili, 28* ta' *Gunju 1974")"*

11. Illi fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati fil-kaz in ezami, hija kkunsidrat li "*Jirrizulta car li ma kienx hemm element ta' speed da parti ta' l-mutur*". Bid-dovut rispett lejn dik l-Onorabbli Qorti, pero' l-appellant ma jista qatt jaqbel ma din ir-rizultanza, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-vettura tat-tip Nissan Qashqai soffriet l' fuq minn disa' t' elef Ewro (€9,000) f' hsarat, il-mutur tas-Sur Pierre Darmanin gie *written off (total loss)* u l-istess Darmanin sfortunatament skond hu stess sofra griehi gravi u ta' natura permanenti;

12. Huwa ovvju illi fil-fatt il-mutur misjuq mis-Sur Pierre Darmanin kien misjuq b' velocitá izjed qawwija minn kemm iddikjara hu, ghaliex kieku kien qed jigi misjuq b' velocitá baxxa, zgur li l-impatt kien ikun wiehed ferm inqas u ma kienx igarrab il-griehi li fil-fatt sfortunatament garrab.

13. Illi ghalhekk, fid-dawl tal-fatti hawn fuq spjegati, hija l-opinjoni umli tal-appellant li l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kellha tasal ghas-sejbien ta' htija, izda kellha tillibera lill-appellant minn kull akkuza, u dan meta wiehed jikkunsidra li l-istess appellant waqaf fuq *stop sign* (kif kien obbligat li jaghmel), u kien biss wara li ghamillu sinjal tal-karozza wieqfa quddiemu fit-traffiku lejn tal-barrani, li huwa beda bilmod hiereg il-barra sabiex jaqsam lejn it-triq ta' faccata. Din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll izomm f' mohha li fil-karriera tal-appellanti din hija l-ewwel darba li kellu incident bhal dan, u li kif qalghet l-Ewwel Onorabbli Qorti stess, irid jigi kkunsidrat il-fatt li kien hemm

ukoll element ta' sfortuna, li jmur fermi l-boghod minn dak rikjest bil-ligi sabiex wiehed jinstab hati ta' reat, ta' kwalunkwe tip.

Rat ix-xhieda esebita permezz ta' affidavit u d-dokumenti kollha tal-process.

Semghet lill-avukat tal-partijiet jittrattaw quddiemha.

Ikkunsidrat.

**PC 405 D Gerada** xehed bil-procedura tal-affiavit mahluf fl-1 ta' Marzu 2018. Dan spjega illi nhar il-5 ta' Frar, 2018 ghall-habta tat-8.00a.m l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun gew infurmati mill-Control room tal-pulizija li gewwa t-triq fejn kien hemm il-playmobil l-antik kien hemm kollilzjoni bejn vettura u mutur u li possibilment kienhemm xi nies feruti.

Il-pulizija rrikorriet minnufih fuq il-post gewwa Triq San Anard fejn hemmhekk innutat vettura tal-ghamla Nissa Qashqai bin-numru ta' registrazzjoni MAR 633 u mturu tal-ghamla Vespa bin-numru tar-registrazzjoni VRM 300 fin-nofs tal-imsemmija triq, bix-xufier tal-mutur, Pierre Darmanin detentur tal-karta ta' identiat numru 24879(M) mixhut ma l-art. Fuq il-post waslet ambulanza mill-isptar Mater Dei fejn Pierre Darmanin gie mehud l-isptar.

Gie mitkellem Shaun Debono s-sewwieq tal-vettura Qashqai fejn dan stqarr li kien gej mid-direzzjoni ta' Trqi iz Zejtun min naha tal-fabbriki u ried jasam ghal go Hal Tarxien. Huwa waqaf fuq l-istop sign u l-vetturi li kienu gejjin min naha tal-lemin tieghu cedewlu, u hekk kif qala sab il-mutur go fih.

Fuq il-post sar ukol sketch tal-kollizjoni li gie anness mal-affidavit. Il-pulizija gabret certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Carina Debattista fejn Pierre Darmanin gie certifikat li kien qed isofri minn feriti ta' natura gravi.

Nhar il-11 ta' Frar 2018 il-pulzija marret tkellem lil Pierre Darmnin l-isptar Mater Dei rigward dan l-incident u dan stqarr li kien sejjer ghax-xoghol sejjer minn haz Zabbar direzzjoni tal-Barrani u quddiemu ma kien hemm l-ebda vettura. Kompla izid illi min naha tieghu huwa nnota li l-vettura li kellu mpatt maghha kienet wieqfa fuq stop sign u f'daqqa wahda tat is-salt biex tohrog. Pierre sostna li min naha tieghu huwa prova jevita l-incident izda ma kienx hemm bizzejjed hin sabiex jaghmel dan ghaliex kien wasal ferm vicin usar dan l-incident. Pierre rrimarka li direzzjoni lejn il-Barrani ma kien hemm ebda vettura qablu izda jista' jkun li kien hemm vettura wieqfa direzzjoni lejn Hal Tarxien. Mistoqsi kemm jiswa l-mutur involut fl-incident stqarr li kien xtrah €4,500 u skond il-familjari tieghu kellu hsarat esetensivi.

Rat ukoll l-okkorenza redatt mill-istess xhud PC 405 D Gerada esebita fl-atti.

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Dr Carina Debattista nhar il-5 ta' Frar 2018 esebit fl-atti a dol. 12 fejn hemm imnizzel li Pierre Darmanin kellu Tibia plate u *committed fracture of medial conduicor femur* fejn il-ferita giet klassifikata bhala ta' natura gravi.

Rat l-isketch esebit a fol. 13 fejn jidher evidenti li l-appellant Shaun Debono kien ghadu kemm ghadda l-istop sign u hareg fi Triq principali u quddiemu kien hemm mutur f'nofs il-kareggjata tat-triq principali mgharufa bhal triq tal-Barrani.

Rat l-affidavit ta' **PS 1042 A Caruana** xehed bl-affidavit u kkonferma li nhar il-5 ta' frar, 2018 ghal-habta tat-8.15 l-ghassa tal-pulizija taz Zejtun giet mgharfa bl-incident tat-traffiku li kien sehh fi Triq Sn Anard Tarxien. Huwa mar fuqil-post u ddeskriva x-xena kif ghamel ix-xhud precedent PC 405 gerada. Zied jghid pero li l-vetturi tnehhew minn fuq il-post wara li Pierre Darmanin ittihed l-isptar permezz tal-ambulanza sabiex b'hekk it-triq infethet ghat-traffiku. Ix-xhud tkellem mal-partijiet u dawn tawk l-istess versjoi kif moghtija lil PC 405 Gerada.

Rat mistqarr mix-xhud Pierre Darmanin seduta stante quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar it-22 ta' Ottubru 2018 fejn spjega li kien gej mit-triq tieghu fin-nofs tal-lane. Kient gejja Qasqai u din harget minn fuq stop sign, huw akien vicin taghha frontalment u din dahlet go fih. Jghid li ma kientix xita u wara giet l-ambulanz au haditu l-isptar. Jghid li kien mixi b'xi 35 km fis-siegha u li jghaddi ta' spiss minn dik it-triq u li kienjaf bis-side street minn fejn hareg l-akkuzat. Huwa esebixxa -google map li tindika l-ekwati u cioe iz-zewg toroq fejn sehh l-investru a fol. 25 markata bhala DOk C.

Rat ukoll ir-ritrtti eseiti fl-atti mrakati bhala dok PB1 sa PB 6 li jindikaw l-incident u cioe l-vettura tal-akkuzat appena harget minn fuq stop sigh diehla fi Triq principali u l-mutur tal-allegat vitma proprju f'nofs tat-triq principali quddiem l-vettua Qashqai mixhut ma l-art fuq id-*dotted white lines* f'nofs il-karreggjata.

Din il-Qorti semghet ukoll lill-allegata vitma **Pierre Darmanin** jixhed fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2019. Dan sjega f'aktar dettal dak li gara dak in-nhar tal-incident. Jghid li kien rikeb wahdu l-mutur numru t registrazjoi VRM 300 gej mid-direzzjoni sejjer lejn il-Gzira ghaddej minn Triq principali. Fil-karregjata tieghu kien hemm traffiku normali'flowing'. ta' quddiemu xeghel l-indicator biex idur lejn il-lemin tieghu u gibed lejn nofs it-triq u waqfet wara karozza li kienet gja wieqfa tistenna biex tidhol fit-triq li taghti ghal hal tarxien.

Il-karregjata hija wiesgha u ghalhekk baqa' sejjer fid-direzzjoni tieghu parallela mal-vetturi li kienu wieqafa.

Fuq ix-xellug tieghu ra karozza wieqfa fuq stop sign hierga minn Triq Anard. X'hn wasal ma genb din il-vettura wieqfa din saqet il quddiem u laqtitu. Hu kien xi hames metri 'l boghod minnha meta din saqet 'l quddiem u ghalekk ma setgha jiskapulha. Din harget minn triq sekondarja.

Qal li kemm hu kif ukol is-sewwieq tal-vettua li dahlet fih kienu wahdedhom. Huwa spicca bi ksur fl-irkoppa u l-mtur tieghu spicca total loss.

Jghid li ma tantx kelu velocita minhabba it-traffiku li kien hemm jghid li kien miexi madwar 35km/fs. Id-daqqa fil-mutur kient kbira prorpju fic-chassis tieghu li tghawweg u kien ghalhek li gie dikjarat total loss. L-mutur spicca ftit metri quddiem il-vettura u huwa ma l-art ma genbu. Muri l-isketch esebit fl-atti ighid li jabel mieghu in toto.

In kontro esami jikkonferma li kien hemm *free flow of traffic*. Jikkonfermali l-vettra ta' quddiemu resqet lejn il-lemin ta' l-istess karreggjat f'nofs ta' triq bie xissur lejn hal Tarxien u huwa baqa' ghaddej ma genbha. Ma ghamel l-ebda manuvr abeix dahal 'l gewwa fit-triq lejn ix-xellug baqa' sejjer dritt Huwa cert li kien hemm bizzejjed spazju biex jiqba ghaddej.

L-vettura tal-akkzuat ra fuq stop sign fit-triq sekondarja tistenna biex tohrog u saqet 'l barra meta jien kont f'distanza ta' xi hames metri fuq il-lemin taghha .Dakinhar kien imsahhab pero xita ma kienx hemm it-triq fejn sehh l-incident ghanda zewg karreggjati kontra xulxin. Jikkonferma b'mod kategoriku li fl-ebda hin ma ghamel xi manuvra ta' surpass.

L-appellant **Shaun Debono** xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2018 u spjega li kien gej min Hal Tarxien u kien hemm hafna trafik. Wasal ma l-*istop sign* u xtaq jaqsam ghan naha ta' Hal Tarxien. Meta hares fuq il-lemin teighu kien hemm karozza wieqfa. it-triq hija dritta.

L-appellant xehed f'aktar dettal quddiem din il-Qorti nhar it-12 ta' Mejju 2019 u kkonferm ali kien gej mit triq ta' hdejn il fabbriki taz Zejtun u ried jaqsam ghal Hal Tarxien u ghalekk kellu jaqsam Triq tal-Barrani. Waqaf fuq l-istop sign.

L-incident sehh ghall-habta tat-8.00a.mit taffik kien imwahhal u b'hekk iridi icedi xi hadd biex huwa jkun jista' johrog minn fuq l-istop sign. Ghalhekk ta' chance sabiex xi hadd icedilu u hekk gara u beda johrog bil-mod u fil-hin ra mutur gejn mill-lemin tieghu b'velocita qawwija u dan baqa diehel go fih.

Jghid li meta qala bil-kemm lahaq daru r-roti. Ikkonfrma li l-mutur spicca f'nofs it-triq f'nofs il-karrggjata ta' fejn kien ghaddej .

Qal li fit-triq principali fejn kien ghaddej l-allegat vitma ma jghaddux zewg karozi ma genb xulxin fuq l-istess karreggjata mhux daqshekk wiesgha. L-istop sign qeda 'l barra biex ikollok vizwali tajba. Jikkonferma li kien ser jorog fi triq laterali dik principali u li l-mutur rah fl-ahhar mument. Trid toqghod attent hafna biex tohrog. Kien cert li ra karozza wieqfa u kien ghalhekk li hareg. Il-vizwali kienet tajba pero' minkejja dan ma rax il-mutur gej. Jghid li kellu hsara fl-ammont ta' €9,000 u jaf li l-mutur ma jissewwix.

Ikkunsidrat.

Illi minn ezami tal-provi jirrizultaw dawn il-fatturi inkonfutabbli

1. L-akkuzat kien rikeb vettura tal-ghamla Qashqai numru ta' registrazzjoni MAR 633 isuq fi Triq Anard Tarxien u kien ghadu kemm waqaf fuq *Stop sign*.
2. Triq San Anard hija triq sekondarja.
3. F'xi hin jghid li hareg minn fuq l-istop sign bil-mod hafna u dan meta kien hemm vetetura fuq il-lemin li cedietlu .
4. Illi lanqas kien ghadu hareg ma kollu meta mil-lemn tieghu gie mutur u spicca go fih.
5. L-allegat vitma kien qed isuq mutur fi triq principali tal-Barrani b'xi 35 km/fs meta f'daqqa u l-hinmeta ke xi hames metri 'l boghod mit-triq sekondarja ra l-vettrua li kient wieqfa fuq l-istop sign titharrek u din dahlet go fih.
6. Il-vettura kellha id-daqqa frontali u iddaqqa teighu keinet f'nofs il-mutur tant li tghawwegi xhassis tieghu u huwa spicca m al-art ma genbu

7. Illi Pierre Darmanin sofra feriti ta' natura gravi
8. Pierre Darmanin sofra hsarat involontarji fuq il-mutur tieghu.
9. Illi l-istop sign hija'l barra mit-triq ta' San Anard biex dak li jkun ikollu vizwali tajba.
10. Illi Darmanin ra lill-appellant jitharrek proprju meta kien xi hames metri 'l boghod minnu u ghalhekk ma setax jevitah.
11. L-appellant jghid li trid tohrog bil-mod minn fuq din l-istop sign u trid tistenna min icedilek.
12. Xita ma kienx hemm ghalkemm kien imsahhab pero l-vizwali kient tjajba.

Ikkunsidrat,

Illi d-difiza qed tghid li Darmanin ghandu jinzamm responsabbli ghal dan l-incident peress illi kien qed jissorpass vettura min naha tax-xellug taghha u b'hekk baqa' ghaddej b'velocita u baqa' diehel fl-appellant. Jghid li ma tantx kien qed isuq ghaliex kieku bid-daqqa li qala kien itir u mhux jispicca ma genb il-mutur mixhut ma l-art f'nofs il-karreggja li kien riekeb. Min naha l-ohra Darmanin jghid li l-appellant huwa responsabli ghal dan l-incident u dan ghaliex ma hax il *proper look out* huwa hu hiereg minn Triq sekondaraja ghal fuq Triq principali tant li baqa' hiereg ghal go fih u kkagunalu l-ferita gravi u f'ka li din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi issostni li alemnu kien hemm certu kontributorjeta ghaliex kien qed isuq b'mod eccessiv.

Din il-Qorti qabel xejn thoss li ghandha taghmel xi kunsiderazzjonijiet legali qabel ma tidhol fuq il-fatti specie tal-kaz.

Dwar is-**sinjal Stop** li kellu l-akkuzat,
Meta sewwieq jieqaf quddiem sinjal ta' STOP ghandu jieqaf, anke jekk ma jarax l-ebda vettura, jistenna qabel ma jidhol fi triq principali akemmikun jista jaghmel dan minghajr ma jghieghel sewwieqa ohra ibiddlu l-velocita jew id-direzzjoi u ghandu jieqaf qabel il-linja STOP u l-ebda parti tal-vettua m'ghanda taqbez il-linja. Is-sewwieq m'ghandux jorog minn fuq STOP sign qabel ma jkun esplora it-triq sew.

Dwar il-kwistjoni ta' min ghandu dritt jinghad li sewwieq ghandu dejjem jghati triq li l min diga' qiegehd fi triq principali. Irid jistenna qabel ma jdihol fi triq principali sakemm jista' jghamel dan minghajr ma ggieghel lis-sewweiqa l-ohrajn ibiddlu l-velocita' jew id-direzzjoi.

Fil-fatt il-High Way code li ghalkemm mhux ligi izda hu gwida rigward ir-regolamenti tat-traffiku jipprovi s-segwenti.

**Right of way**
*212. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way over traffic crossing, joining or leaving the major road.*

*213. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road.*

*214. At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection Turning right side to right side Turning left side to left side Position your vehicle correctly to avoid obstructing traffic or point of junction simultaneously priority should, unless*
*otherwise indicated, be accorded to vehicles on the right.*

*However, at T-junctions, the through road has priority over the branch road.*

Toroq b'lane wahda
Is-sewwieq ghandu isuq f'nofs il-lane tieghu u l-vettua tas-sewwieq QATT m ghandha tmiss il-lnja li tifred iz-zweg lanes salv jekk ma jkunx hemm dotted lanes li jippermettu manuvri ta' surpass.

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri**[1]:

[1] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 1960

*"Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a proper lookout ghall-vejikoli, pedestrians, u road-users ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu."* Il-Qorti osservat "*ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' <u>disattenzjoni ta' split second</u> u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi i-ttriq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fittriq,*
*u cirkostanzi ohra tal-mument. Ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza,*
*fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."*

F' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort ta' terz. (Ara Appelli Kriminali: "**<u>Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri</u>**[2]" "**<u>Il-Pulizija vs. John Polidano</u>**[3]""**<u>Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud</u>**[4]"u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"contributory negligence" li donnu implika l-appellant fit-trattazzjoni tieghu ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (vide." **<u>Il-Pulizija vs P.Vassallo</u>**[5]",

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "**<u>Hu dover ta' "driver to see what is in plain view</u>**[6]". (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Vella" u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"*
( "**<u>Il-Pulizija vs. J.M. Laferla</u>**[7]"

---

[2] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Marzu 1961
[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 1963
[4] Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131
[5] Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883
[6] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Awwissu 1963
[7] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Gunju 1961

"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. it-includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd**[8]."

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

*… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[9]

Il-Qorti ghaddiet imbaghad sabiex tqis il-kwistjoni tal-htija kriminali tal-appellant (u cioe` tal-konvenut odjern) u anke fuq l-iskorta ta` dottrina u gurisprudenza sostniet hekk –

Li minn dawn il-fatti kif narrati mill-appellant tirrizulta manifesta l-htija tieghu ghal dak li gara. Illi kien jinkombi fuqu li qabel ma jdur lejn il-lemin *"across the path of oncoming traffic", li jesplora tajjeb it-triq quddiemu w jaccerta ruhu li seta' jaghmel din ilmanuvra b' sikurezza ghalih u ghal traffiku li seta' kien gej minn quddiemu jew addirittura minn warajh. Illi hu principju rikonoxxut fil-Qrati taghna li min ser jidhol minn triq ghal go triq ohra w b' hekk jikser il-kurrent tat-traffiku li jkun sejjer ghad-dritt u jaqsam l-istess triq traversalment, ghandu joqghod ferm attent qabel ma jaqsam u jekk ikun hemm bzonn, anki jieqaf biex jara sewwa.*[10] *(Kollez.Vol.XXX. iv. p.649)*

Kif jghid il-**GIBB "The Trial of Motor Car Accident Cases**[11]":-

[8] [1968].
[9] Pulizija vs Joseph Grech deciza 06.06.2003
[10] Kollez.Vol.XXX. iv. p.649
[11] para. 85

*"A motorist has a right to turn his car in the highway unless prohibited by some regulation. In doing so, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence if he turns his car to the right across the path of a vehicle approaching … thus making it-impossible for the driver of the other vehicle to avoid a collision."*

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant kellu l-obbligu li qabel ma johrog fuq triq principali jaccerta ruhu li seta' jaghmel dan *"with a good margin of safety"* u li bl-ebda mod ma jfixkel il-passagg tal-sewwieq li kien ghaddej bil-mutur li kien gej mill-lemin tieghu. L-appellant itenni aktar minn darba li hu kien waqaf fuq stop sign u hareg biss ghaliex kienhemm sewwieq fi vettura Vitz li kien cedilu pero jghid ukoll li is-sewwieq tal-mutur fl-ebda hin ma rah qabel ma sehhet il-habta.

Il-fatt li wiehed johrog ghaliex kienhemm vettura li ceditlu ma jista' qatt jigi
estiz li jfisser li t-traffiku….gej fuq il-main road ghandu jkun kostrett jaltera l-speed jew iwaqqaf ghal kollox u jitlef ilpriorita'

**O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu"**Negligence on the Highway**" jghid appropozitu li :-
*"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which requires a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional*
*signal of intention to deviate from one's course …In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts*
*negligently unless he has reasonable grounds, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut across without endangering approaching traffic."*

Kif gie ukoll ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: **"<u>Il-Pulizija vs. Francis Schembri</u>"** [12]:-

[12] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri nhar is-26 ta' Gunju 1968

*"Hawn hafna drivers li jahsbu illi meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq, bizzejjed li jaghtu sinjal u li b' hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; izda dan mhux bizzejjed. Biex hu jista' jaqsam, ikun hemm bzonn illi driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku iehor li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruhu b' dan, id-driver ikun intitolat li jaqsam it-triq."*

Illi hu ovvju li l-ewwel u l-aqwa mod kif wiehed jista' jassikura ruhu minn dan hija billi jezercita "a proper lookout" u jesplora tajjeb it-triq li jkun ser jaqsam fiz-zewg direzzjonijiet. Illi hu ovvju li l-appellant ma zammx proper lookout ghax kieku hares tajjeb `il quddiem, u lejn il-lemin tieghu kien jar ail-mutur gej lejh. Dan il-mutur ma waqax mis-shab jew immaterjalizza fit-triq proprju kif hu kien qieghed jittanta jaqsam il-karreggjata. Bil-fors li kien ilu vizibbli ghal certu interval. Bil-fatt li l-appellant jibqa` jinsisti li hu f'ebda hin ma ra l-mutur qabel l-habta, qed jinkrimina ruhu dwar in-nuqqas ta' proper lookout.

Illi l-appellant ukoll jipprova jispjega dan bil-fatt li s-sewwieq tal-mutur kien gej isuq bi speed eccessiv. Issa apparti li dan ma jirrizulta minn imkien, ghax l-appellant qatt ma rah gej u ma telgha hadd jixhed dwar is-seqan tal-allegat vitma. Anzi l-Qorti ghandha ix-xhieda tal-allegat vitma li jghi dli kien mixi b'25km/fs u dan hu verosimili meta tqis li l-habta kient wahda kbira min natura ttad-danni subiti fuq il-vettura u fuq il-mutur u is-sewwieq ma tarx izda instab proprju vicin il-mutur ma l-art f'nofs ta' triq. Dan hu indikattiv li l-ispeed tieghu kien qiehed baxx.

Pero' anki kieku dan kien minnu u cioe' li kellu speed eccesiv li ma irrizultax lil din il-Qorti – dan ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali ghall-akkadut.

Dan ghaliex f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche' dak li jigri ma

jkunx dovut unikament u eskluzivament tort da parti tas-sewwieq l-iehor (Ara Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri**[13]" [16.3.1961]; "**Il-Pulizija vs. John Polidano**[14]"[3.11.1963] "**Il-Pulizija vs. Rev. C.Mifsud**[15]**"** u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-"contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo**[16]",

Jinghad ukoll b'referenza ghal dik il-parti tat-trattazzjoni tad-difiza fejn huwa sostna li l-vittma ghamel manuvra ta' surpass. Jinghad li f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda manuvra ta' surpass u dan ghaliex l-vitma fix-xhieda teighu fuq domanda specifika tad-difiza jghid li fl-ebda hin ma ghamel manuvra biex jissporpassa lil xi vettura jew li saq aktar il-gewwa fl-istess karreggjata izda isostni li meta ll-vettura ta' quddiem marret lejn il-lemin taghha biex tidhol ghal Hal Tarxien huwa baqa' ghaddej dritt. L-posizjoni tieghu ta' l-iskizz jindika ukoll li ma kienx ghaddej vicin ix-xellug tat-triq u ghahekk tali tezi qed tigi rigettata ukoll.

Illi fir-rizoluzzjoni ta' responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x' kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti**[17]" u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim."**Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef**[18]" .F'dan il-kaz indubbjament il-manuvra inkonsulta ghall-ahhar tal-appellant li "he approaches the line of oncoming traffic on a major road " minghajr esplorazzjoni tajba tat-triq id-dritta ghal traffiku gej mill-lemin tieghu, kienet il-kawza prossima w determinanti tal-incident.

Fir-rigward tal-piena inflitta l-Qorti rat li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt euro li hija piena lejn il-massimu u rat ukoll li

---

[13] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri nhar is-16 ta' MArzu 1961
[14] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri nhar it-3 ta' Novembru 1963
[15] Kollez.Vol.XXXVIII;,iv.p.1131
[16] Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883])
[17] Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217
[18] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri nhar it-8 ta' Dicembru 1960

skwalifikatu milli jottjeni licenzji ta-sewqan ghall-perijodu ta' gimgha li huwa il-massimu preskritt fil-lgi fl-artikolu 15 ta' Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz ta' sewqan traskurat. Ghalhekk ma thossx li hemm raguni 'l ghala ghandha tbiddel il-piena inflitta molto piu meta tqis il-ferita li sofra l-vitma hija ta' natura gravi

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qoti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur